MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 26/2013/1

**Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr. Marthese Portelli, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2013 assumew l-atti Dr Simon Busuttil, Dr Ann Fenech, Dr Chris Said ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista minflok Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli.**

***v.***

**Kummissjoni Elettorali u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali, u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2013 gew kjamati fil-kawza Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo**

1. Dawn huma appelli tal-konvenuti u wkoll appell ta’ terz, kif ukoll appell inċidentali tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-5 ta’ Frar 2015 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet illi żball fil-għadd ta’ voti waqt l-elezzjoni ġenerali tal-2013 wassal għal ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“l-Ewwel Protokoll”]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fir-rikors li bih fetaħ dawn il-proċeduri l-atturi fissru illi, fil-kuntest tas-sistema elettorali malti li jrid rappreżentanza proporzjonali tal-partiti li jikkontestaw l-elezzjoni, ikkandidaw ruħhom għall-elezzjoni ġenerali tal-2013 fi ħdan il-Partit Nazzjonalista l-atturi Onor. Claudette Buttigieg fuq it-tmien distrett u l-attur Onor. Frederick Azzopardi fuq it-tlittax-il distrett. Ġara illi, minħabba żball tal-Kummissjoni Elettorali waqt l-għadd u t-trasferiment ta’ voti, ġew eletti kandidati tal-Partit Laburista minflok Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi meta, li ma kienx għal dak l-iżball, kienu jiġu eletti direttament dawn tal-aħħar. B’hekk, igħidu l-atturi, ma ġietx rispettata l-proporzjonalità f’dawk iż-żewġ

distretti, ma ġietx rispettata x-xewqa tal-eletturi, ġarrbu preġudizzju ż-żewġ atturi li ma ġewx eletti direttament (għalkemm sussegwentement ġew eletti bis-saħħa tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"]), u ġarrab preġudizzju wkoll il-Partit Nazzjonalista kemm għax ġew eletti sitta u għoxrin (26) kandidat tiegħu meta dawn kellhom ikunu tmienja u għoxrin (28), u wkoll għax, għalkemm sussegwentement ġew eletti erba' (4) kandidati oħra fi ħdan l-istess partit bis-saħħa tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni, baqa' ma tħaddimx il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali.

3. Dan, ikomplu jgħidu l-atturi, wassal biex inkiser "id-dritt għal elezzjonijiet liberi taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura u dan mhux biss għaliex ġew dikjarati eletti kandidati li ma kinux eletti skond ir-rieda tal-eletturi kif espressa fil-poloz tal-vot tagħhom iżda anke għaliex ma ġietx rispettata r-rieda tal-eletturi fit-tħaddiem tal-formula ta' rappreżentazzjoni proporzjonali bejn in-numru ta' deputati u l-voti miġjuba minn partit politiku".

4. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> "1. tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett ... ... ... tmur kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> "2. tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett ... ... ... tmur kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> "3. tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu wieħed jew żewġ kandidati eletti

skond ir-rieda tal votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"4. tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rapprezentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-partit fil-gvern u dawk mal-partit fl-oppożizzjoni huwa żbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"5. tordna li jiġu indirizzati l-iżbalji magħmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi: (1) ir-riżultat elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rappreżentanza proporzjonali skont l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siġġijiet jinżel għal seba' siġġijiet kif tipprovdi il-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet kif wassal l-istess żball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura tiġi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tiġi dikjarata li ġiet eletta skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali; u (B) Frederick Azzopardi jiġi dikjarat li ġie elett skont id-dispozizzijonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali;

"6. tagħti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni."

5. Bis-sentenza tal-5 ta' Frar 2015 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

"Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kollha u tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett ... ... ... tmur kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti kollha;

"Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti kollha limitatament u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu kandidat elett skond ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta Malta;

"Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti kollha u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-partit fil-gvern u dawk mal-partit fl-oppożizzjoni huwa żbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

> "Tiċħad it-talba numerata 5(2)(B) tar-rikorrenti kollha fir-rigward ta' Frederick Azzopardi, tilqa' l-kumplament tal-ħames talba tar-rikorrenti kollha limitatament però għal kif ġie ippreċiżat fir-remedju effettiv akkordat minn din il-qorti billi tordna lil-Kummissjoni Elettorali tiddikjara bħala eletti, biex jimlew żewġ postijiet addizzjonali, żewġ kandidati tal-Partit Nazzjonalista li ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-ogħla, jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-ogħla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar għoli, a tenur tal-aħħar żewġ paragrafi ta' artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana kollu fi zmien xahar mil-lum."

6. Minn din is-sentenza appellaw b'rikors tas-17 ta' Frar 2015 il-konvenuti msejħa fil-kawża Onor. Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna, b'rikors tat-18 ta' Frar 2015 il-konvenut imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali, b'rikors tal-20 ta' Frar il-konvenuta Kummissjoni Elettorali, u b'rikors tal-24 ta' Frar 2015 taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[1] l-Partit Laburista. L-atturi flimkien mal-konvenut imsejjaħ fil-kawża Edwin Vassallo wieġbu fit-3 ta' Marzu 2015 u ressqu wkoll appell inċidentali taħt l-art. 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għall-appell inċidentali wieġbu l-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Marzu 2015, il-Partit Laburista fis-16 ta' Marzu 2015 u Justyne Caruana, Joe Debono Grech u Edward Scicluna fis-27 ta' Marzu 2015.

7. L-aggravji tal-konvenuti appellanti ewlenin jolqtu kemm eċċezzjonijiet preliminari u kemm il-meritu. Fost l-aggravji ta' natura preliminari hemm dak dwar il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti u dak dwar l-integrità tal-ġudizzju. Billi, jekk jintlaqgħu dawn l-aggravji, is-sentenza appellata

[1] Appell ta' terz interessat.

jkollha titħassar taħt l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'mod li ma jkunux jistgħu jitqiesu l-aggravji l-oħra u l-appell inċidentali, il-qorti sejra tibda billi tqis dawn iż-żewġ aggravji.

**Dwar il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti**

8. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet tressqet quddiem l-ewwel qorti, li ċaħdet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> "Din l-eċċezzjoni hi fis-sens li din il-qorti ma għandiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina l-lanjanzi sottomessi mir-rikorrenti għaliex tali ġurisdizzjoni hija riservata lill-Qorti Kostituzzjonali.
>
> "Fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali [Kap. 354] artikolu 115(1) jipprovdi preċiżament il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti Kostituzzjonali meta jgħid:
>
> > ""Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' membru tal-Kamra għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jiġu deċiżi minn din il-qorti."
>
> "L-artikolu 117 tal-istess Att jipprovdi fl-istess spirtu:
>
> > ""Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li biha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala waħda finali u/jew li minnha ma jista' jsir ebda appell, dik id-disposizzjoni ma għandhiex teskludi applikazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni, sew f'xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha."
>
> "Illi *di più* l-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula:
>
> > ""Kull kwistjoni jekk –
> >
> > "(*a*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati;
> >
> > "(*b*) xi membru tal-Kamra jkunx ivvaka l-post tiegħu fiha jew ikunx meħtieġ, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 55 ta' din il-Kostituzzjoni, li jtemm milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala membru; jew
> >
> > "(*ċ*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala *Speaker* minn fost persuni li ma jkunux membri tal-Kamra u, wara li tkun ġiet hekk eletta, tkunx ivvakat il-kariga ta' *Speaker*,
> >
> > "għandha tiġi mressqa quddiem u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta."

"Din il-qorti tagħraf bħala stat ta' fatt illi r-rikorrenti Frederick Azzopardi u Claudette Buttigieg kienu ġà rrikorrew għall-Qorti Kostituzzjonali b'żewġ rikorsi separati li ġew deċiżi nhar it-13 ta' Marzu 2013.

"Fl-analiżi li wettqet din il-qorti dwar il-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, din l-qorti kellha per forza tezamina artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati f'Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Issa, l-artikolu 46 tal-Kositituzzjoni ta' Malta jistipula:

> ""(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, … tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."

"L-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddeponi bl-istess manjiera:

> ""(1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."

"Il-qorti rat u eżaminat is-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-ġurisdizzjoni [... ... ...]; is-sottomissjonijiet tal-kjamati in kawża fuq l-istess materja [... ... ...]; is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali [... ... ...] illi permezz tagħhom sostnew illi, bis-saħħa ta' artiklu 95, 63 u 56 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-artiklu 115 u 117 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kienet biss il-Qorti Kostituzzjonali li għandha l-ġurisdizzjoni esklusiva biex tindaga dwar vjolazzjoni tal-liġijiet elettorali tal-pajjiż, u dwar il-validità ta' elezzjoni ta' membru tal-Parlament jew *Speaker*, it-tneħħija tal-istess u jew vakanza tal-post tagħhom. *Inoltre* ssottomettew illi l-Kostituzzjoni ta' Malta hija suprema fuq il-liġi ordinarja tal-pajjiż, u li artiklu 2 tal-Kap. 319 li rratifika l-Konvenzjoni Ewropea jirrikonoxxi is-supremazija tal-Kostituzzjoni. *Di più* ġie sottomess li d-dritt għal elezzjonijiet liberi li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura mhuwiex wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil- Kostituzzjoni ta' Malta hekk kif jidher fl-artikoli 33 sa 46 tal-istess Kostituzzjoni.

"Ikkonsidrat:

"Il-qorti tagħraf illi t-talbiet tar-rikorrenti kollha huma *a termini* tal-artiklu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati f'Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u *cioè* allegat vjolazzjoni tad-dritt għal elezz-jonijiet liberi li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura. Ebda talba jew azzjoni ma ġiet intavolata mir-rikorrenti *ai termini* ta' xi dritt fundamentali inkluż fl-artikolu 33-46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Minn dan isegwi inesorabbilment li f'każ li

persuna tallega ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħha (taħt il-Konvenzjoni Ewropea) hija għandha d-dritt illi tirrikorri għar-rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

"Hija verità inkontrovertibbli li meta l-istat Malti rratifika il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali l-istat għamel dan bil-għan li kull ċittadin ikollu protezzjoni addizzjonali mal-protezzjonijiet ġà mħaddna fil-Kostituzzjoni tagħna u li jkollu d-dritt li jinventila l-ilmenti u l-indoli tad-drittijiet fundamentali anki quddiem il-Qorti Ewropea. L-argument tal-Kummissjoni Elettorali intimata, tal-Avukat Ġenerali u dak tal-kjamati in kawża jwassal inevitabbilment għall-konklużjoni li meta Malta irratifikat il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż id-drittijiet kontenuti fl-ewwel Protokoll, kienet sempliċiment qed tqarraq biċ-ċittadini Maltin għaliex fir-realtà ma jeżistix f'Malta d-dritt għal elezzjonijiet liberi bħala dritt fundamentali, li dan id-dritt mhuwiex esegwibbli f'Malta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), u *ergo* bħala tali ċ-ċittadin lanqas ma għandu d-dritt jitlob għal rimedju quddiem il-Qorti Ewropea.

"Il-qorti tqis illi l-intenzjoni tal-legislatur meta rratifika l-Konvenzjoni Ewropea għall-istat Malti, pajjiż demokratiku li jħaddan is-saltna tad-dritt b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ma kellux dan il-għan mijokopu, u ċertament ma kellux skop li jidħol għal eżerċizzju ta' negazzjoni ta' dritt.

"Il-qorti tagħraf illi l-kunċett ta' supremazija tal-Kostituzzjoni huwa wieħed ampju li għandu diversi ramifikazzjonijiet li jikkreja ġerarkija tal-liġijiet anke fi ħdan l-istess Kostituzzjoni.

"Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jabbraċċja dan il-kunċett ta' supremazija jibda billi jeleva għall-quċċatta ta' din il-ġerarkija tal-liġijiet l-artikoli li jippostulaw id-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, *cioè* artikolu 33-46 tal-Kostituzzjoni, flimkien mal-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni li hu l-artikolu prottettiv li jorbot u jankra d-drittijiet fundamentali bi proċedura peżantissima biex jipproteġihom minn kwalunkwe tibdil u tnaqqir: *cioè* il-proċedura ta' ⅔ maġġorità [*sic*] tal-membri tal-Parlament.

"Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> ""Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."

"[... ... ...]

"Il-qorti wara eżami akkurat tqis bħala insostenibbli l-applikabilità tal-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni għan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti għall-ilment tar-rikorrenti.

"Dan qiegħed jingħad għaliex, apparti l-*actio popularis*, artikolu 56 tal-Kostituzzjoni jafferma l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali meta l-Kummissjoni Elettorali nnifisha, *di sua sponte*, wara skoperta ta'

korruzzjoni, atti illegali jew indħil barrani fil-kors ta' elezzjoni, tattiva d-dmir tagħha billi tissospendi l-elezzjoni u tirrivolġi għall-Qorti Kostituzzjonali.

"Fil-każ in eżami ebda wieħed mill-partijiet, u b'mod partikolari l-Kummissjoni Elettorali intimata, ma ssoleva xi prattika korrotta jew illegali jew xi ndħil fil-kors tal-elezzjoni. Infatti l-Kummissjoni Elettorali hija intimata f'dawn il-proċeduri u mhux il-protagonista li qed tippromovi din l-azzjoni. *Di più* din il-kawża ċertament ma tistax tiġi konsiderata bħala *actio popularis*.

"Il-qorti tqis *in oltre* li, apparti fatturi oħra, l-applikabilità tal-artikolu 63 u 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 115 u 117 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali hija sorretta fejn *si tratta* ta' ilmenti ta' ksur jew vjolazzjoni tal-liġijiet elettorali tal-pajjiż, ilmenti dwar validità ta' elezzjoni ta' membru ta' Parlament jew *Speaker* jew l-vakanza ta' tali kariga jew post.

"L-ilment kif postulat mir-rikorrenti huwa ta' natura diversa, u *cioè* jippernja fuq jekk il-Kummissjoni Elettorali eżerċitatx id-diskrezzjoni u setgħa tagħha b'tali mod li vvjolat l-obbligu tal-istat biex iżomm u jmexxi elezzjonijiet li jirrispettaw ir-rieda tal-votanti, u *cioè* dritt kontemplat fl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-pajjiż [*sic*].

"*Inoltre*, dejjem fuq it-tema ta' ġerarkija ta' liġijiet il-qorti tagħraf u tqis illi skond l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 319 (Konvenzjoni Ewropea) id-drittijiet enunċjati fil-Konvenzjoni jissuperaw il-liġi ordinarja tal-pajjiż għajr għall-Kostituzzjoni waqt li *ai termini* tal-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 319, il-Qorti Kostituzzjonali Maltija għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddetermina l-appelli magħmula taħt dan l-att u dana biż-"żjieda" mal-ġurisdizzjoni akkordata lilha minn artikolu 95 tal-Kostituzzjoni.

"L-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 319 għalhekk huwa l-konferma, jekk qatt kien hemm bżonn għal waħda, li għal rigward ta' drittijiet umani u libertajiet fundamentali enunċjati fil-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata f'Kapitolu 319, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mhux dik kif asserita mill-intimati, *cioè* ġurisdizzjoni esklużiva li timmina u ġġib fix-xejn id-dritt taħt artikolu 3 Protokoll 1, iżda hija ġurisdizzjoni addizzjonali ma' dik ġà mogħtija permezz ta' artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, sabiex taġixxi bħala qorti ta' sekonda istanza biex tiddetermina l-appelli kollha magħmula taht l-Kapitolu 319.

"Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bis-saħa tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u 46 (2) tal-Kostituzzjoni, għandha d-dover li takkolja [*sic*] ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina lanjanzi dwar vjolazzjoni ta' drittijiet umani u libertajiet fundamentali u li għandha il-korrispondent dover li takkorda protezzjoni u rimedji skond dak l-artikolu tal-liġi (sew dawk kontemplati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, sew taht Kapitolu 319) li joffri jew joffru l-aqwa u l-akbar protezzjoni għaċ-ċittadin."

9. L-aggravju tal-appellanti Justyne Caruana, Joe Debono Grech u Edward Scicluna ġie mfiser hekk:

> "Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-esponenti eċċepew in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minħabba li bil-liġi hija biss il-Qorti Kostituzzjonali li għandha kompetenza biex tittratta kwistjonijiet dwar il-validità tal-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, jew il-validità u t-tħassir ta' xi elezzjoni. Din l-eċċezzjoni ngħatat ukoll mill-intimata Kummissjoni Elettorali u mill-kjamat fil-kawża Avukat Ġenerali.
>
> "Fis-senterza tagħha l-ewwel qorti argumentat li ladarba l-istat Malti rratifika l-Konvenzjoni Ewropea huwa ried jagħti protezzjoni addizzjonali mal-protezzjoni ġà mħaddna mill-Kostituzzjoni tagħna. L-ewwel qorti donnha aċċettat li l-Qorti Kostituzzjonali għandha ġurisdizzjoni esklużiva fuq ilmenti dwar il-validità ta' elezzjoni ta' membru tal-Parlament, iżda qalet li l-azzjoni preżenti hija differenti 'u *cioè* jippernja fuq jekk il-Kummissjoni Elettorali eżerċitatx id-diskrezzjoni u setgħa tagħha b'tali mod li vvjolat l-obbligu tal-istat biex iżomm u jmexxi elezzjonijiet li jirrispettaw ir-rieda tal-votanti, u *cioè* dritt kontemplat fl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-pajjiż [*recte* tal-Konvenzjoni Ewropea]'. L-ewwel qorti donnha serrħet rasha għaliex '*ai termini* tal-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 319, il-Qorti Kostituzzjonali Maltija għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddetermina l-appelli magħmula taht dan l-Att'.
>
> "Il-verità pero hija li fis-sustanza r-rikorrenti qed jilmentaw li d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirregolaw l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament ma ġewx imħaddma sew, li r-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi kellhom jiġu eletti bħala Membri tal-Parlament minflok Edward Scicluna (fuq it-tmien distrett) u Justyne Caruana (fuq it-tlettax-il distrett), u li konsegwentement ir-riżultat affettwa n-numru ta' Deputati Parlamentari li għanlu r-rikorrent Partit Nazzjonalista. Skond ir-rikorrenti dan wassal għal vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk talbu li din il-qorti tiddeċiedi dwar il-validità tal-elezzjoni ta' dawn id-deputati.
>
> "Tħares kif tħares lejha. b'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jikkontestaw il-validità tal-elezzjoni ta' żewġ Membri Parlamentari Laburisti, u jippretendu li jinbidel ir-riżultat elettorali biex ir-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi jiġu dikjarati eletti Membri tal-Parlament minflokhom.
>
> "L-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi għat-twaqqif tal-Qorti Kostituzzjonali u jistabilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha. Dan jipprovdi fost oħrajn li l-Qorti Kostituzzjonali għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi:
>
> > "(a) dawk il-kwistjonijiet li huma msemmija fl-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni:
> >
> > "(b) kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 ta' din il-Kostituzzjoni u kull ħaġa riferita lilha skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.

"L-artikolu 63 tal-Kostituzzioni jipprovdi b'mod mill-aktar ċar li kwistjonijiet dwar il-validità tal-elezzjoni ta' persuna bħala membru tal-Parlament, jew għandux jispiċċa minn membru tal-Parlament, għandhom jitressqu quddiem, u jiġu deċizi, mill-Qorti Kostituzzjonali.

"[... ... ...]

"L-artikolu 56 tal-Kostituzzioni jitkellem dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament: li dawn għandhom jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz tal-vot singlu trasferibbli; li l-elezzjoni għandha tkun ħielsa minn attijiet illegali jew ta' korruzzjoni u ndħil barrani; u li l-elezzjoni għandha ssir b'vot sigriet.

"Meta r-riżultat tal-elezzjoni jista' jiġi affettwat minn atti illegali, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Qorti Kostituzzionali għad-deċiżjoni tagħha, jew mill-Kummissjoni Elettorali stess jew minn kull persuna li għandha l-jedd għall-vot. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha l-poter li tannulla elezzioni fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħedd jew aktar minnhom, u li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet u li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa biex tiżgura li ssir elezzjoni ħielsa mill-aktar fis possibbli.

"Fir-rigward tal-validità tal-elezzjonijiet u allura tal-kompożizzjoni tal-leġislatura, il-Kostituzzjoni trid tassigura ċ-ċertezza fl-iqsar żmien possibbli. Minħabba f'hekk, mhux biss tipprovdi li l-Qorti Kostituzzjonali għandha tagħti rimedju biex tiżgura elezzjoni ħielsa mill-aktar fis possibbli, iżda timponi terminu perentorju ta' tlett ijiem biex min għandu interess jirreferi kwistjoni dwar l-elezzioni lill-Qorti Kostituzzjonali.

"Anke l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jerġa' jenfasizza li l-Qorti Kostituzzjonali hija l-qorti kompetenti biex tittratta u tiddeċiedi l-kwistionijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' membru parlamentari. L-unika eċċezzjoni hija dik fil-każ ta' proċedimenti kriminali, li ovvjament jiġu trattati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni kriminali tagħha.

"L-artikolu 117 tal-istess Att jerga' jtenni li persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni għandha jedd ta' azzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

"Huwa ċar għalhekk li, kemm il-Kostituzzjoni kemm l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jipprovdu li hija biss il-Qorti Kostituzzjonali li għandha kompetenza li tittratta materja elettorali li tista' taffettwa r-riżultat tal-elezzioni anke f'distrett wieħed. Dan igħodd b'mod partikolari fejn trid tiġi trattata l-validità tal-elezzjoni ta' membru tal-Parlament, jew id-dritt tiegħu li jżomm postu fil-Parlament.

"Tant hu hekk li r-rikorrenti stess aġixxew tempestivament immedjatament kif spiċċa l-għadd tal-voti bi proċeduri appożiti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-riżultat li ppruvaw jottienu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Frederick Azzopardi *v.* Il-Kummissioni Elettorali (525/13) u Claudette Buttigieg *v.* Il-Kummissioni Elettorali (526/13) kien identiku għal dak li qed ifittxu li jaslu għalih f'din il-kawża. Kien minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali ċaħditilhom it-talbiet tagħhom li r-rikorrenti rrikorrew għal dawn il-proċeduri biex dak li ma

rnexxilhomx jottjenu bl-ewwel proċediment jipprovaw jeħduh f'dan it-tieni proċess, mhux għaliex ma kellhomx rimedji effettivi imma għaliex ma ottjenewx dak li riedu mir-rimedii disponibbli li eżawrew.

"Fil-fatt, konxji mid-disposizzionijiet ċari tal-Kostituzzjoni u tal-liġi elettorali, fin-nota ta' sottomiisjoniet tagħhom ir-rikorrenti jipprovaw jispostaw il-kwistjonijiet legali involuti billi jippruvaw jargumentaw li mhumiex jitolbu li 'l-aġir tal-intimati jiġi sindakat fil-konfront ta' xi regola preskritta fil-liġi elettorali. It-talbiet imressqa huma bbażati fuq sindikar ta' nuqqasijiet li seħħew fil-proċess elettorali iżda tali sindikar huwa sabiex jiġi deċiż jekk dawk in-nuqqsijiet humiex nuqqasijiet fid-dawl tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ... Dan l-ilment ma jirrigwardax kwistjoni ta' jekk il-Kummissjoni Elettorali ezerċitatx id-diskrezzjoni u s-setgħa tagħha skond il-liġi elettorali, iżda ulterjorment għal dan dawn il-proċeduri jirrigwardaw kwistjoni ta' jekk il-Kummissjoni Elettorali eżerċitatx id-diskrezzjoni u s-setgħa tagħha b'tali mod li vvjolat l-obbligu tal-istat sabiex iżomm u jmexxi elezzjonijiet li jirrispettaw ir-rieda tal-votant'. Aktar 'il quddiem ikomplu jargumentaw li 'l-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tista' sseħħ ukoll mhux b'mod dirett minn artikolu tal-liġi, iżda b'aġir jew nuqqas fl-eżerċizzju ta' poteri mogħtija lil xi awtorità'.

"Fis-sentenza tagħha l-Prim'Awla abbraċċjat dan l-argument magħmul mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħhom. Fil-verità però dan m'hu xejn ħlief logħob bid-diskors. It-talbiet tar-rikorrenti huma ċari. Huma lmentaw mill-ħatra ta' żewġ membri tal-Parlament tal-Partit Laburista, u ppretendew li minflokhom jiġu dikjarati eletti bħala membri tal-Parlament żewġ kandidati tal-Partit Nazzjonalista. Ir-rikorrenti jippretendu li dawn in-nuqqasijiet effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea. Fis-sustanza, għalhekk, ir-rikorrenti qed igħidu li, skond il-Kostituzzjoni u l-liġi elettorali, kellhom jiġu dikjarati eletti żewġ kandidati flok tnejn oħra.

"Il-Kostituzzjoni ta' Malta trid li dawn il-kwestjonijiet jiġu trattati u deċiżi mill-Qorti Kostituzzionali, kif fil-fatt diġà għamlu r-rikorrenti b'eżitu negattiv għalihom.

"Lanqas ma huwa minnu li l-istat Malti ma pprovdiex protezzjoni għall-prinċipji enunċjati fl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll. Dawn kollha jinsabu garantiti bil-Kostituzzjoni stess li tipprovdi wkoll għar-rimedji u l-inforzar tagħhom.

"Din il-qorti lanqas ma għandha ġurisdizzjoni tiddetermina t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu bażati fuq id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Huwa veru li l-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li 'Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, l-imsemmija drittijiet u libertajiet fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett', iżda fl-artikolu 2 tal-istess liġi nsibu li l-'liġi ordinaria tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta'.

"Dan ifisser li anke l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea stess, li fuqu r-rikorrenti jibbażaw l-azzjoni tagħhom, jirrikonoxxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni u jeskludi l-applikabiltà ta' dan l-Att għall-Kostituzzjoni.

"Konsegwentement, ladarba l-Kostituzzjoni tgħid bl-aktar mod ċar li kull kwistjoni li tirrigwardja l-elezzjoni ta' Membri tal-Parlament trid tiġi determinata mill-Qorti Kostituzzjonali, l-ebda liġi oħra ma tegħlibha, lanqas il-Kap. 319.

"Bit-talba tagħhom biex il-qorti tiddikjara li r-riżultat tal-elezzioni tat-9 ta' Marzu 2003 kien skorrett skond il-Kostituzzjoni u skond il-liġijiet elettorali, u biex tordna li dan ir-riżultat elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-qorti tesprimi ruħha fuq il-validità tal-elezzjoni u l-jedd ta' deputati li jkunu jew li jibqgħu membri tal-Parlament. Din hija materja ta' kompetenza esklużiva tal-Qorti Kostituzzjonali li fil-fatt diġà kellha opportunità tikkunsidra u tiddetermina b'mod finali l-ilmenti tar-rikorrenti, billi ċaħdet l-istess u kkonfermat ir-riżultat tal-elezzjoni kif pubblikat mill-Kummissioni Elettorali.

"Ladarba l-ewwel qorti ma kinitx kompetenti biex tiddeċiedi fuq it-talbiet tar-rikorrenti, isegwi li s-sentenza tagħha kienet nulla.

"L-artikolu 789(1)(*b*) tal-Kap. 12 jiddikjara nulli l-atti li jinħarġu minn qorti li mhijiex kompetenti. Ma jiswa xejn l-argument tal-ewwel qorti li f'kull każ l-appell mis-sentenza tagħha jinstema' mill-Qorti Kostituzzjonali. L-artikolu 790 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> "Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni ..."

"Għalhekk din il-qorti għandha tiddikjara s-sentenza appellata nulla u mingħajr effett."

10. Dan l-aggravju ressquh ukoll l-Avukat Ġenerali, il-Kummissjoni Elettorali u l-Partit Laburista, u l-argumenti tagħhom huma sostanzjalment l-istess: illi l-Kostituzzjoni espressament tvesti fil-Qorti Kostituzzjonali biss il-kompetenza li tisma' u taqta' kawżi dwar materja elettorali; illi l-Kostituzzjoni trid illi dawn il-kawżi jinstemgħu u jinqatgħu malajr biex ma jkunx hemm inċertezza għal żmien twil dwar ir-riżultat ta' elezzjoni; illi kawżi taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] ma jagħtux riżultat b'daqshekk ħeffa, kemm għax ma hemmx

terminu qasir bħal ma hemm taħt il-Kostituzzjoni biex tinfetaħ il-kawża u kemm għax jistgħu jinstemgħu f'żewġ gradi flok fi grad wieħed biss; illi l-Kap. 319 ma jagħtx il-garanzija ta' ċertezza b'ħeffa li trid il-Kostituzzjoni u għalhekk f'din il-materja hemm konflitt bejn dak l-Att u l-Kostituzzjoni;  u illi l-Kostituzzjoni hija ġerarkikament ogħla u għalhekk għandha tipprevali.

11. Il-qorti tosserva illi l-azzjoni tallum tressqet taħt l-art. 4 tal-Kap. 319:

> **"4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha ... ... ... tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.
>
> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) … … …"

12. Fost id-"Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali" li dwarhom tista' tinġieb azzjoni quddiem il-Prim'Awla taħt dan l-artikolu, l-art. 2 tal-istess Att isemmi "dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli ... ... ... 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll", *i.e.* dawk li dwarhom tressqet l-azzjoni tallum.  Ukoll, l-art. 3(4) tal-Kap. 319 igħid illi:

> **"3.** (4) Il-Qorti Kostituzzjonali għandha *b'żieda mal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mil-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni*, ikollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi l-appelli kollha magħmula taħt dan l-Att ... ... ..."

13. Dan kollu juri illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-art. 95 tal-Kostituzzjoni (fosthom ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet dwar validità ta' elezzjoni) u l-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla taħt l-art. 4 tal-Kap. 319 huma paralleli għal xulxin u waħda ma teskludix l-oħra.

14. Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'materja elettorali hija definita fl-art. 63 tal-Kostituzzjoni:

> "Kull kwistjoni jekk –
>
> "(*a*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati;
>
> "(*b*) xi membru tal-Kamra jkunx ivvaka l-post tiegħu fiha jew ikunx meħtieġ, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 55 ta' din il-Kostituzzjoni, li jtemm milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala membru; jew
>
> "(*ċ*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala *Speaker* minn fost persuni li ma jkunux membri tal-Kamra u, wara li tkun ġiet hekk eletta, tkunx ivvakat il-kariga ta' *Speaker*,
>
> "għandha tiġi mressqa quddiem u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta."

15. Il-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla taħt il-Kap. 319, min-naħa l-oħra, hija li tara jekk inkisirx il-jedd imħares taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll:

> "Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura."

16. Għalkemm ċertament hemm elementi komuni fi kwistjonijiet taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni u dawk taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, ma għandhomx l-istess firxa, għax ma tistax teskludi *a priori* illi persuna tista' tkun validament eletta taħt il-liġijiet elettorali u xorta ma jkunx tħares il-jedd taħt l-art. 3. Dan ikompli jindika illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim'Awla taħt il-Kap. 319.

17. Relevanti wkoll illi l-art. 56(5) tal-Kostituzzjoni – li huwa d-disposizzjoni li trid iċ-"ċertezza fi żmien qasir" li jsemmu l-appellanti, għax igħid illi l-

azzjoni tista’ ssir mhux aktar tard minn tlitt ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali tal-elezzjoni – jagħti dritt ta’ azzjoni biss lil “kull persuna li għandha l-jedd għall-vot f’dik l-elezzjoni” li jfisser li l-partit attur ma jkollux *locus standi* f’azzjoni bħal dik. Bl-interpretazzjoni li jridu l-konvenuti appellanti, partiti politiċi ma jkollhomx rimedju ġudizzjarju f’materja elettorali minkejja l-interess li wara kollox jinsistu li għandhom uħud mill-appellanti stess fl-aggravju – li nqisuh aktar ’il quddiem – dwar in-nuqqas ta’ integrità tal-ġudizzju għax il-Partit Laburista ma kienx parti fil-kawża quddiem l-ewwel qorti.

18. Il-konvenuti appellanti iżda jgħidu illi l-possibilità li tressaq kawża bħal dik tallum taħt il-Kap. 319 ixxejjen iċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni, għax waqt illi l-Kostituzzjoni trid illi kawżi dwar il-validità ta’ elezzjoni jitressqu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali – u għalhekk mingħajr possibilità ta’ appell – fi żmien tlitt ijiem, ma hemmx dak it-terminu qasir biex jinġiebu kawżi bħal dik tallum taħt il-Kap. 319, u dan, abbinat mal-fatt illi kawża bħal din tista’ tinstema f’żewġ gradi, joħloq inċertezza dwar ir-riżultat ta’ elezzjoni għal żmien x’aktarx twil, ħaġa li tmur kontra dak li trid il-Kostituzzjoni.

19. Dan jista’ jkun minnu iżda fl-aħjar ipotesi għall-appellanti jista’ *se mai* jolqot ir-rimedju li jista’ jingħata, fis-sens illi r-rimedju taħt il-Kap. 319 ma jistax ikun dak illi titħassar l-elezzjoni ta’ deputat, sabiex ma tiġix mhedda ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Li jista’ jingħata rimedju bla ma titħassar l-elezzjoni ta’ deputat jixhduh sentenzi

mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara *e.g.* Kovach *v.* l-Ukrajna[2] u Namat Aliyev *v.* Azerbaijan[3]. Dan jistqarru wkoll l-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu:

> "... ... ... anke, għall-grazzja tal-argument, fil-każ illi qorti jidhrilha illi għandha ssib vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol din ma tistax imbagħad tagħti rimedju illi jikser il-Kostituzzjoni billi jiddisturba l-ordni kostituzzjonali iżda trid tagħti rimedju ieħor fi ħdan il-Kostituzzjoni, bħal ma fil-fatt tgħallem ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja."

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-ġurisdizzjoni oriġinali ta' din il-qorti taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim'Awla taħt l-art. 4 tal-Kap. 319. L-aggravju dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni huwa għalhekk miċħud.

**Dwar l-integrità tal-ġudizzju**

21. Aggravju ieħor li jista' jwassal biex titħassar is-sentenza appellata huwa dak ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju billi l-Partit Laburista ma kienx parti fil-kawża fl-ewwel grad. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk fir-rikors tal-appell tal-Partit Laburista:

> "Illi mill-atti tal-kawża ma jidhirx li xi parti talbet il-kjamat in kawża tal-Partit Laburista iżda b'danakollu ma jiffissirx li ma kellux jissejjaħ fil-kawża *motu proprio* mill-qorti nnifisha meta kien jidher tant ovvju u manifest li kellu jkun parti fil-kawża.
>
> "Illi l-qorti kellha s-setgħa tagħmel dan, tant li l-artikolu [961 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] jiddisponi li anke mingħajr it-talba ta' xi waħda mill-partijiet tista' ssir is-sejħa, b'referenza ċara għall-qorti. Di fatti diversi huma dawk il-kawżi nostrani li jagħmlu referenza għal dan il-poter *ex officio* li għandha l-qorti, tali poter intiż li kawża ma tiġix komodoment stradata mill-attur billi jħalli barra persuna li għandha interess fil-ġudizzju kif fil-fatt sar fil-kawża odjerna.

[2] Q.E.D.B. 7 ta' Frar 2008, rik. 39424/2002.

[3] Q.E.D.B. 8 ta' April 2010, RIK. 18705/2006.

"Illi l-fatt li din il-kawza saret mill-Partit Nazzjonalista, il-fatt li anke li fir-rikors promotur hemm referenzi ghal dan il-partit u li kien jirrigwarda kandidati ta' dan il-partit, il-fatt li l-kwistjoni kienet tirrigwarda lill-partit fil-gvern, li saħansitra hemm referenza għalih fir-rikors promotur, kien jispetta għall-qorti li *motu proprio* mingħajr ma tistenna lil xi parti ssejjaħlu, tieħu l-inizjattiva hi biex tikkjamah fil-kawża, ħaġa li stranament ma ghamiltx.

"Illi meta l-ewwel onorabbli qorti injorat li teżerċita din il-fakoltà, kienet qiegħda inġustament tħalli barra wieħed mill-protagonisti għal din il-viċenda. Għalhekk fil-kors tal-kawża ġew dibattuti u diskussi l-interessi tal-Partit Laburista mingħajr ma kien presenti fil-kawża u bl-aktar mod biżantin tħalla barra minnha.

"[... ... ...]

"Illi l-ewwel onorabbli qorti kienet għalhekk fl-obbligu li ssejjaħ lill-Partit Laburista fil-kawża.  Di fatti aktar 'il quddiem fis-sentenza, meta l-qorti ġiet biex tikkunsidra l-kwistjoni tal-interess ġuridiku rrikonoxxiet mhux biss li l-partiti politici għandhom interess ġuridiku, iżda li bl-emendi tal-1996 dan l-interess ġie aktar assodat bil-fatt li s-siġġijiet addizzjonali jiġu assenjati lill-partiti politiċi u mhux lill-kandidati individwalment.

"Illi daqstant kien evidenti li l-Partit Laburista kellu jkun parti fil-kawża anke jekk ma sarx rikors appositu minn xi waħda mill-partijiet. Anzi il-qorti komlpiet tgħid li: 'Huwa pależi li dan l-interess ġuridiku jitgawda bl-istess mod mill-partiti politiċi li mhux biss għandhom l-interess, iżda għandhom id-dover li jaraw attwata r-rieda tal-elettorat u jagħtu s-sehem tagħhom fit-tmexxija tal-pajjiż li tista' tiġi mminata fin-nuqqas ta' riflessjoni veritiera fil-komposizzjoni tal-Parlament'. B'danakollu, baqgħet qatt ma sejħet lill-Partit Laburista fil-kawża.

"Illi huwa minnu wkoll li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju hija ta' natura dilatorja u mhux perentorja u li għalhekk jekk ma titqanqalx *in limine* ma tistax tingħata fi stadju ulterjuri tal-kawża. Iżda dak li qiegħed ikun issollevat f'dan ir-rikors ta' appell huwa l-eżerċizzju tal-poter mogħti lill-qorti li ssejjaħ parti fil-kawża *motu proprio* u mhux eċċezzjoni ta' xi parti.

"Illi għalhekk fid-dawl ta' dan kollu kien hemm mankanza proċedurali gravi bil-fatt li l-Partit Laburista tħalla barra u ma ġiex imsejjaħ fil-kawża mill-qorti nnifisha. Kwindi huwa aktar minn ċar li l-ġudizzju ma hux integru u li għalhekk biss l-intimati kollha għandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* n-nullità tas-sentenza minħabba dan il-fatt."

22. L-istess aggravju ressquh, sostanzjalment bl-istess argumenti, il-konvenuti msejħa fil-kawża Justyne Caruana, Joe Debono Grech u Edward Scicluna.

23. Għal dan l-aggravju l-atturi u l-konvenut imsejjaħ fil-kawża Edwin Vassallo wieġbu hekk:

> "L-esponenti jsostnu li *in vista* tal-mod kif żviluppaw il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti kif ukoll *in vista* tas-sentenza mogħtija minnha, l-esponenti huma tal-umli fehma li t-terz appellant, il-Partit Laburista, huwa nieqes mill-elementi li jikkwalifikaw dak l-interess ġuridiku li huwa neċessarju skont l-artikolu 236 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi intavolat appell minn sentenza u għalhekk l-appell tat-terz għandu jiġi ddikjarat null.
>
> "[... ... ...].
>
> "L-interess meħtieġ ġie eżaminat diversi drabi bi ħsieb konsistenti u bir-reqqa mill-qrati tagfina kif riassunti:
>
> "i. mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bħala "interess ġuridiku";
>
> "ii. interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bħalma lanqas ma jissodisfa l-vot tal-liġi tal-proċedura interess f'dak li huwa preċipwament l-eżitu tal-kawża;
>
> "iii. il-kompitu tal-qrati hu li jagħtu deċiżjonijiet li jaqtgħu kontroversji konkreti u mhux li jagħtu deċiżjonijiet ta' interess purament akkademiku;
>
> "iv. meta d-deċiżjoni ma tagħmel ebda differenza għall-posizzjoni legali tal-attur li, għal din ir-raġuni, ma jkollux interess ġuridiku fl-eżitu, l-eċċezzjoni għandha titressaq *ex ufficio*.
>
> "L-esponenti huma tal-umli fehma li dan il-prinċipju ta' interess ġuridiku japplika għall-partijiet f'kull stadju tal-proċeduri, *sia* quddiem l-ewwel qorti, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell.
>
> "It-talba [*recte*, it-talbiet] tal-appellati fir-rikors promotur kienu marbuta biss mal-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali li wasslu għall-vjolazzjoni ta' dritt tal-appellati, u r-rimedji li ntalbu mill-appellati huma rimedji li, kif qalet ġustament l-ewwel qorti, huma imponibbli biss fuq l-istess Kummissjoni Elettorali.
>
> "L-appellati qatt ma rritenew li l-mankanzi tal-kummissjoni kienu wkoll xi mankanzi naxxenti mill-Partit Laburista u lanqas ma qatt ippretendew li xi rimedju mltlub minnhom għall-preġudizzju soffert seta' b'xi mod jiġi imponibbli lill-Partit Laburista. Għalhekk l-elementi rikjesti huma neqsin u ma hemm l-ebda rabta diretta mat-talbiet tal-atturi.
>
> "*In oltre* l-interess ta' terz irid ikun biss wieħed ġuridiku, u b'dak li ddeċidiet il-qorti fis-sentenza tagħha bla ebda mod ma jista', lanqas remotament, ikollu effett fuq l-appellanti terz, il-Partit Laburista, la quddiem l-ewwel qorti, kif ukoll wisq inqas quddiem din l-onorabbili qorti.

"L-eżitu tal-kawża lanqas ma kellha ebda effett fuq il-kjamati fil-kawża, *cioè* d-deputati eletti f'isem il-Partit Laburista imħabbra mill-Kummissjoni Elettorali, u dan għaliex skont l-istess sentenza kull wieħed u waħda minnhom żammew posthom fil-Parlament u mhux jintalab li dan ma jkunx.

"Dak li ordnat l-ewwel qorti kien li jiġi rimedjat il-preġudizzju soffert mill-appellati rifless fid-distakk bejn il-partiti fil-Parlament, sabiex verament jirrifletti rappreżentanza stretta proporzjonali wara l-mankanzi ppruvati tal-Kummissjoni Elettorali li wasslu għall-vjolazzjoni tad-dritt taħt l-artikolu 3, tal-Ewwel Protokol tal-Konvenjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"L-appeallati bir-rispett jissottomettu ukoll li l-appellanti kollha l-oħra li kienu parti fil-kawza quddiem l-ewwel qorti u li ħadd minnhom, fl-ebda stadju, ma ħassew li l-Partit Laburista seta' jkun preġudikat fil-kawża jew fl-eżitu tagħha u dan għaliex sa mill-bidunett kienu jafu li t-talba tal-appellati kienet biss diretta lejn il-Kummissjoni Elettorali.

"Quddiem l-ewwel qorti, il-Kummissjoni Elettorali stqarret li kien l-Avukat Ġenerali li kellu jiġi ikkjamat fi-kawża, kif seħħ. Min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali starr li kellhom jiġu ikkjamati fil-kawża dawk il-kandidati (mhux il-Partit Laburista) li kellhom interess dirett fl-eżitu tal-kawża.

"Ir-raġuni kienet waħda – dik li kienu l-appellati biss li soffrew preġudizzju minħabba l-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali, kif ippruvati u konfermati mill-ewwel qorti:

"... ... ...

"Meta wieħed jara l-interess li qed iqanqal il-Partit Laburista bħala raġuni għaliex għandu jintlaqa' l-appell tiegħu bħala terz interessat igħid il-Partit Laburista kien 'wieħed mill-protagonisti għal din il-viċenda' u jkompli jgħid:

> ""Il-Partit Laburista kellu kull interess fl-esitu tad-dibattitu u eventwali sentenza."

"Kif diġà ġie rilevat, dan l-interess mhux biżżejjed biex jikkwalifika f'interess ġuridiku. *Oltre* dan, biex l-interess ikun jikkwalifika bħala wieġed ġuridiku jrid ikun attwali u jrid ikun jeżisti mill-bidu sal-aħħar tal-kawża, tant li jekk l-interess jintemm, l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża.

"Jekk il-Partit Laburista ħass li kellu interess fil-bidu tal-kawża għaliex seta' effettwa il-kompożizzjoni tan-numru ta' deputati tieghu (minkejja li ma għamel xejn dwar dan u minkejja li l-esponenti ma jaqblux ma' dan l-argument għaliex huma biss l-esponenti li huma effettwati mill-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali) żgur li dan l-'interess' spiċċa bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u dan għaliex ma ttieħed xejn mill-istess appellant (jekk kellu xi ħaġa). Kif ser jiġi muri iktar 'il quddiem, it-talba tal-esponenti qatt ma kienet biex l-ewwel qorti tieħu xi ħaġa minn dak li kellu il-Parit Laburista u tgħaddih lill-esponenti. (a) It-talbiet kienu ċari –

li bil-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali sofrew preġudizzju l-esponenti u għalhekk (b) intalab biex dan il-preġudizzju soffert jiġi rimedjat.

"Hija stramba kif filwaqt li l-appellant terz ighid li l-ewwel qorti *motu proprio* ħalliet lill-Partit Laburista barra mill-kawża bla ma tikkjamah fiha 'bl-aktar mod biżantin', l-istess partit ma ħassx il-ħtieġa li b'xi mod jintervjeni fil-proċeduri u dan minkejja li fl-appell tiegħu jgħid 'l-istess partit kien manifestament u palesament interessat f'din il-kawża mill-bidunett tagħha'.

"Minn din l-istqarrija tal-Partit Laburista bilfors wieħed irid isaqsi x'inhu l-interess tiegħu f'dan l-istadju. Rajna kif l-elementi ta' interess ġuridiku ma jissussistux fil-konfront tiegħu u allura l-uniku motivazjoni loġika f'dan l-istadju huwa li l-Partit Laburista qed iressaq appell tat-terz għalxejn ħlief biex itellef u jtawwal il-proċess ġudizzjarju.

"L-esponenti jissottomettu li jammonta għal abbuż ta' proċeduri meta wieħed jibqa' gallarija fi proċeduri li 'l-istess partit kien manifestament u palesament interessat f'din il-kawżia mill-bidunett tagħha' iżda f'ebda stadju ħlief wara li ra li l-iżball tal-Kummissjoni Elettorali kien qed jiġi indirzzat mill-qorti ma ħass il-ħtieġa li juri dak l-interess u jitlob li jintervjeni jew jiġi kjamat. Lanqas id-deputati tiegħu stess ma ħassew li l-Partit Laburista kellu għalfejn jidħol fil-kawża.

"Ma tistax tibqa' sieket u wara s-sentenza titfa' l-piż fuq l-ewwel qorti bħala li naqset milli ssejjaħ, minn jeddha, lit-terz appellat, kif qed jagħmel il-Partit Laburista permezz tal-appell tiegħu meta kellu, kieku ried u kieku verament ħass li kellu interess ġuridiku fil-mertu, jintalab il-kjamat fil-kawża wkoll mill-membri tiegħu stess parti fil-kawża.

"L-appellanti kjamati fil-kawża, minkejja li kienu passivi milli jressqu l-eċċezzjoni tal-integrità tal-ġudizzju fl-ewwel stadju u milli jitolbu l-kjamat fil-kawża tal-Partit Laburista, qed iressqu dan il-punt bħala wieħed mill-aggravji tagħhom bl-iskuża li l-qorti naqset milli tassigura li ssejjaħ lill-Partit Laburista fil-kawża bil-konsegwenza li din is-sentenza effettwat il-posizzjoni tal-Partit Laburista fil-Ġarlarnent.

"Konsegwentement u għar-raġunijiet premessi din l-onorabbli qorti għandha tiddikjara l-appell tat-terz bħala miċħud u konsegwentement tastjenti milli tieħu konjizzjoni tiegħu."

24. Waqt is-smigħ tal-appell l-atturi aċċennaw ukoll għal din is-silta mis-sentenza *in re* <u>Joseph Abela *v.* Onor. Prim'Ministru *et*</u>[4] biex juru illi l-Partit Laburista ma jidħol f'ebda waħda mit-tliet kategoriji hemm imsemmija:

[4] Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

> "F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

25. Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra. F'kull każ, iżda, il-Partit Laburista jista' jitqies illi jidħol fit-tieni kategorija għax, għalkemm ma huwiex fost dawk li "jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji", madankollu r-rimedju mogħti jolqot il-posizzjoni legali tiegħu u għalhekk il-preżenza tiegħu hija meħtieġa biex jista' jingħata dak ir-rimedju.

26. Fil-fatt, kontra dak li jingħad fit-tweġiba tal-atturi, ma jistax jingħad illi s-sentenza appellata ma tolqotx l-interess ġuridiku tal-Partit Laburista. Hekk kif il-leġittimazzjoni attiva tal-Partit Nazzjonalista hija msejsa fuq l-interess illi għandu jkollu aktar siġġijiet biex id-distakk bejnu u l-partit l-ieħor ikun ta' seba' siġġijiet flok disgħa, hekk ukoll il-leġittimazzjoni tal-Partit Laburista hija msejsa fuq l-interess li d-distakk ta' disa' siġġijiet li għandu fuq il-partit l-ieħor ma jonqosx għal seba'. L-interessi taż-żewġ partiti huma identiċi għalkemm opposti għal xulxin, u daqskemm għandu interess ġuridiku wieħed daqstant għandu l-ieħor.

27. Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk ir-rimedju li tat l-ewwel qorti kienx wieħed li seta' jingħata jew kienx xieraq, il-fatt jibqa' li ngħata rimedju li

laqat l-interess tal-Partit Laburista għax naqqaslu l-maġġoranza li kellu fis-siġġijiet. Dan ir-rimedju għalhekk ma jistax jingħata fl-assenza tal-Partit Laburista bħala parti sħiħa fil-kawża.

28. Lanqas ma huwa relevanti l-fatt illi l-konvenuti l-oħra ma talbux is-sejħa tal-Partit Laburista fil-kawża, u li lanqas il-partit stess ma talab li jissejjaħ fil-kawża. Dan jista' jkollu relevanza għall-għanijiet tal-ispejjeż tal-kawża iżda ma jibdilx il-fatt illi s-sentenza ma setgħetx tingħata fl-assenza ta' parti li għandha interess dirett fiha għax il-posizzjoni legali tagħha nbidlet bis-saħħa tas-sentenza.

29. L-aggravju ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju għalhekk għandu jintlaqa'.

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-aggravju ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju u, wara li rat l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża.

Wara li rat l-art. 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-qorti tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------